MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 211/1997/1

Citazzjoni numru 211/1997

Savio Spiteri sive Domenico Savio Spiteri

-vs-

Mariano Vella u Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u Ghawdex jew ir-rapprezentant tieghu sive Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u Ghawdex jew ir-rapprezentant tieghu

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi b'rikors tas-17 ta' Settembru 1997 il-konvenut ippremetta illi in esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid numru 442/1997, fl-ismijiet Mariano Vella versus Savio Spiteri l-Marixxal qabad mill-poter ta' l-attur il-vettura Fiat numru ta' registrazzjoni T-7826 (ittra T sebgha tmienja tnejn sitta) u

salott ta’ tliet bicciet ta’ drapp damask u illi effetivament din il-vettura u s-salott ghadhom fil-pussess tad-debitur peress illi ma ngabx kunsinnatarju u billi sab persuna idonea sabiex taghmilha ta’ kunsinnatarju talab lil dina l-Onorabbli Qorti biex tordna lill-Marixxal jikkonsenja l-istess vettura u salott lill-imsemmi kunsinnatarju sabiex tibqa’ taht il-kustodja tieghu sakemm tinbiegh in licitazzjoni u mir-rikavar jithallas il-kreditu tieghu; u

Illi b’digriet tas-26 ta’ Settembru 1997 fl-atti tas-subbasta numru 27/97, dina l-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut u ordnat il-bejgh in subbasta tal-vettura u mobbli ndikati; u

Illi kemm il-vettura FIAT numru ta’ registrazzjoni T-7826 u s-salott ta’ tliet bicciet diga’ huma maqbuda u jinsabu f’idejn kunsinnatarju iehor George Grech kif jirrizulta mill-atti tal-Mandat ta’ qbid numru 302/1997 mahrug fuq talba tal-Mid Med Bank Limited.

Talab li din il-Qorti:

1. tirrevoka contrario imperio d-digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti tas-26 ta’ Settembru 1997 fl-atti ta’ subbasta 27/97 fl-ismijiet Mariano Vella versus Savio Spiteri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mariano Vella fejn ecepixxa:

1. illi in linea preliminari c-citazzjoni odjerna hija irrita u nulla in kwantu dedotta kontra persuna jew ir-rapprezentant taghha, stante illi mhux possibbli u permissibbli fis-sistema guridiku ta’ pajjizna illi wiehed jipprezenta citazzjoni kontra persuna f’Malta jew rapprezenant taghha;

2. illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur m' huwiex il-persuna idonea u ma ghandux interess guridiku illi jqajjem kwalunkwe oggezzjoni ghall-esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid a bazi tal-fatt illi l-oggetti maqbuda gia jinsabu maqbuda min kreditur iehor, ghaliex se mai huwa dak il-kreditur biss illi ghandu l-interess guridiku necessarju sabiex jintavola talba simili;

3. illi dejjem minghajr pergudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni odjerna hija nulla in kwantu t-talba ma ssegwix mill-premessi dedotti mill-attur fl-istess citazzjoni, ghaliex ma jezisti ebda ness kazwali bejn il-premessi u l-istess talba;

4. illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex ir-raguni dedotta mill-attur bhala l-causa petendi ghar-revoka tad-digriet tas-26 ta' Settembru ma jammontawx ghal raguni gusta fil-ligi ghar-revoka ta' tali digriet;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Mill-atti processwali jirrizulta li l-meritu tal-kawza jinsab esawrit. Dan il-fatt johrog mix-xhieda tal-Avukat Carmelo Galea, patrocinanti l-konvenut Mariano Vella, li kkonferma li l-attur kien hallas s-sorte, interessi u spejjez tal-kawza li l-konvenut odjern kien qabel istitwixxa kontra l-istess attur li, fil-waqt li sokkombenti, kien gie ikkundannat ihallas is-sorte ta' mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm139) u l-ispejjez. Fil-kawza odjerna l-attur

ittanta jottjeni r-revoka tas-subbasta ordnata in segwitu ta’ dawk il-proceduri. Fil-gurnata meta kienet appuntata s-subbasta pero’ hu hallas u dan johrog car mix-xhieda fuq riferita u d-dokumenti esebiti. In vista ta’ dan ikun ezercizzju inutili li l-Qorti tiddilunga aktar fit-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet anke jekk jinsabu fondati.

Illi l-Qorti tinnota li l-konvenut Registratur tal-Qorti baqa’ kontumaci ghalkemm notifikat. Ta’ dan ghandu jbati hu fis-sens li l-ispejjez sakemm jirrigwardaw lilu ghandu jbatihom hu.

Ghaldaqstant tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara meritu esawrit u in kwantu ghall-ispejjez tiddeciedi li ghandhom jibqghu a karigu ta’ l-attur sakemm konnessi mal-konvenut Mariano Vella. Ir-Registratur tal-Qorti ghandu jbati l-ispejjez tieghu izda l-ispejjez tar-registru ghandhom f’kull kaz jibqghu a karigu ta’ l-attur.

Magistrat

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------